MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 688/2010

Citadel Insurance p.l.c. (C 21550).

Vs

Donna Camilleri (Id. 161780M).

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mija u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,160.56) minghand il-konvenuta, sorte, imghax, drittijiet u spejjez gudizzjarji li hallset is-socjeta’ attrici favur Untours Insurance Agency Ltd in rapprezentanza ta’ Qatar Insurance Agency Company Limited a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta in segwitu ta’ *award* ta’ nhar it-22 ta’ Gunju 2009, f’arbitragg bejn l-istess Untours Insurance Agency Limited in rapprezentanza ta’ Qatar Insurance Agency Company Limited u l-intimata Donna Camilleri, liema arbitragg kien dwar incident stradali li sehh fit-30 ta’ April, 2008 u li

ghalih, permezz ta' l-*award* imsemmi, l-intimata Donna Camilleri, li kienet qeghda ssuq vettura proprjeta taghha stess u assikurata mas-socjeta' rikorrenti, instabet unikament responsabbli. Illi jirrizulta li l-intimata Donna Camilleri kienet qeghda ssuq il-vettura meta kienet taht l-influwenza ta' l-alkohol, u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ghandha d-dritt tar-rivalsa kontra l-intimata u dana ai termini tal-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed issir din il-kawza. Bl-ispejjes gudizzjarji u bl-imghax legali minn dakinhar li s-socjeta' rikorrenti ghamlet il-hlas favur is-socjeta' Untours Insurance Agency Limited in rapprezentanza ta' Qatar Insurance Agency Company Limited sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, mija u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€3,160.56), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------